MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

| | |
|---|---|
| Referenza: | Minuti tas-Seduta 26/K6/2010 |
| Data: | It-Tlieta, 22 ta' Frar 2011 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 17.30 pm |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sindku : | Sur Clifton Grima |
| | Il-Viċi Sindku: | Sinjorina Margaret Baldacchino |
| | Il-Kunsilliera: | Sur Emanuel Abela<br>Sur Emanuel Brincat<br>Dott. Carmelo Grima<br>Sur Matthew Agius<br>Sur Charles Selvaggi |
| | Is-Segretarju Ezekuttiv: | Sur Matthew Dimech |

AGENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppublikat nhar it-Tlieta, 15 ta' Marzu 2011. L-Aġenda kienet taqra hekk:

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 25/K6/2010.
2. Materji mill-Minuti.
3. Korrispondenza.
4. Minuti mill-Kumitat Amministrattiv Swatar
5. Ristawr tal-kanun li jinsab fil-gnien tal-Klabb tal-Boċċi.
6. *Traffic Management* fi Triq San Lwigi.
7. Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet
8. Approvazjoni tal-Minuti mill-Kumitat u Sotto-Kumitati.
9. Affarijiet oħra jekk urġenti.
10. Aġġornament.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Seduta Nru 26/K6/2011

Punt 1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 25/K6/2011

1008. Dwar minuta 965, E Abela qal li ghandu jizdied il-kliem ‘fl-Imsida’ fl-ahhar tal-minuta.

1009. E Abela qal li f’minuta 1005, l-isem E Brincat ghandu jinbidel f’ismu.

1010. Is-Sindku ressaq il-minuti ghall-approvazjoni. C Selvaggi issekonda. Il-minuti gew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

Punt 2 Materji mill-Minuti

1011 (a). Dott. Grima saqsa xi progress sar dwar il-manutenzjoni tal-funtana msemmija f’minuta 974. Is-Segretarju qal li l-ewwel fazi, fejn il-funtana giet mnaddfa mill-irdim huwa lest. Il-pass li jmiss issa huwa lis sir spezzjoni mil-Periti tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali u l-Perit tal-Kunsill, biex jigi verifikat kif u jekk tistax tigi msewwija.

1011 (b). Is-Sindku qal li l-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali ghamel vizita fil-Kazin tal-Partit Nazzjonalista fl-Imsida dan ix-xahar, u saqsa lill-Dott. Grima jekk xi hadd mill-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista kellimx lil Ministru ghall-ghajnuna biex tigi msewwija din il-funtana. Dott. Grima qal li ma kelmux, izda li ser jibghatlu e-mail dwar dan kollhu.

1012. Dwar minuta 983, C Selvaggi qal li jidher li l-abbuz madwar il-*Bring in Site* fejn il-gibjun issa waqaf.

1013. Dwar minuta 988, E Abela qal lihuwa attenda ghal premjazzjoni mas-Sur Louis Dimech, li kien nominat mill-Kunsill Lokali Msida. E Abela qal li l-premju intrebah mill-Vici-Sindku tal-Kunsill ta’ Haz-Zebbug.

1014. C Selvaggi saqsa kienx hemm zvilupp fuq minuta 985, dwar l-parking bays li ghandhom jinzebhu quddiem l-istabilment tal-AVIS. Is-Segretarju qal li x-xoghol ser jigi ordnat meta jieqaf zmien ix-xita.

1015. C Selvaggi saqsa jekk l-ittra bl-avukat msemmija f’minuta 986, dwar ir-rampa fi Triq L-Universita intbghatitx. Is-Segretarju qal li din ghada ma intbghatitx, peress li l-avukat tah parir biex l-ittra tintbghat wara li dawn il-minuti ikunu approvati.

1016. Dwar minuta 987, M Baldacchino saqsiet saritx l-istima ta’ Triq Giorgio Mitrovich. Is-Segretarju qal li dinghada ma gietx ordnata biex issir peress li x-xoghlijiet xorta wahda ma jistghux isiru ghalissa.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1017. Dwar minuta 991, M Baldacchino qalet li hi attendiet ghall-laqgha u li diga infurmat lill-Kunsilliera bl-ezitu tal-laqgha permezz ta' e-mail.

1018. Dott. Grima saqsa kienx hemm zvilupp dwar minuta 993. Is-Segretarju qal li l-*financial statements* intbghatu lill-Awdituri u li l-awditjar fl-Ufficini tal-Kunsill diga tlesta.

1019. Dott. Grima saqsa kienx hemm zvilupp dwar minuta 994, dwar l-ittri legali lid-Debituri tas-sistema LES. Is-Segretarju qal li l-*Authorised Officer* huwa kuntrattat biex jghamel dawn l-ittri u mhux l-avukat tal-Kunsill. Is-Segretarju kompla billi qal li l-prezz ta' dawn l-ittra huwa ta' ewro ghal kull ittra, izda wara diskursata mal-*Authorised Officer*, is-Segretarju ikkonferma illi l-*Authorised Officer* lest jghamel dawn ghal nofs dan il-prezz.

1020. M Agius dahal fil-laqgha. Hin: 17.58

1021. Dwar minuta 1002, C Selvaggi saqsa jekk ghadniex bl-istess problema. Is-Segretarju wiegeb fil-pozittiv. Is-Sindku lmenta lid an id-dewmien huwa ezagerat u ma hemmx gustifikazjoni ghalih. Is-Sindku propona li ssir konferenza ghall-mezzi tax-xandir dwar din il-materja, peress li issa ilna nistennew sitt xhur ghalkarti mil-Korporazjoni ghas-Servizzi tal-Ilma biex nibdew nahdmu fi Triq il-Principessa Margerita. Il-Kunsill qabel li l-konferenza issir nhar il-Hamis filghodu.

1022. Dott Grima saqsa meta ser issir il-mera msemmija f'minuta 1003. Is-Segretarju qal li ghada gejjin il-KOPTASIN biex jghamlu ix-xoghlijeit ordnati, fosthom din il-mera.

1023. C Selvaggi, dwar minuta 1005, qal li kellu telefonata min Spiteri Lucas Band, li huma interessati biex jipartecipaw f'xi attivitajiet li l-Kunsill jista jorganizza ghal Gimgha Misidjana. E Abela saqsa min ser ikun membru fil-Kumitat organizzattiv. Il-Kunsill qabel li din tigi organizzata mis-Sotto Kumitat ghall-Attivitajiet Socjali.

1024 (a). Dwar minuta 1004, M Agius saqsa jekk intalbux il-laqghat mas-Segretarjati tad-diversi Ministeri. Is-Segretarju qal li ma kellux indikazjoni mis-Sindku meta lest jiltaqa mas-Segretarjati. Is-Sindku qal li issa issir kordinazjoni biex isiru dawn il-laqghat peress li huwa ikun jista bejn nofsinhar u s-sghatejn.

1024 (b). Dwar ir-rapporti ta' arbli mitluqa tal-Enemalta u applikazjonijiet godda ghall-bozzoz, M Agius qal li ghandu l-informazjoni kollha necessarja biex jiprocedi.

Punt 3 Korrispondenza

1025. 0364 □ Is-Segretarju prezenta talba ghal danni sofruti min residenta fuq tyre tal-karozza taghha. Mat-talba hemm ukoll rapport tal-Pulizija u ricevuta tad-



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

danni. Il-Kunsill qabel li jhallas ghal dawn id-danni li saru minhabba l-istat ta’ Triq il-Punent.

1026. 0412 □ Is-Sindku qara’ l-korrispondenza mibghuta mill-*Authorised Officer* lill-Transport Malta, dwar debiti illi hija ghanda mal-Kunsilli Lokali li jghamlu parti mill-Kumitat. Il-Kunsill qabel li jekk dawn ma jithalsux fi zmien ragonevoli, ghanda tinkiteb ittra lill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u lill-Ministru Gatt dwar dan id-dewmien biex jigu trasferiti fondi tal-Kunsill.

1027 (a). E Brincat hareg mil-laqgha. Hin: 18.22

1027 (b). E Brincat dahal fil-laqgha. Hin: 18.23

1028. Il-laqgha giet sospiza. Hin: 18.23

1029. Il-laqgha kompliet. Hin: 18.27

1030 (a). 0414 □ Is-Sindku qara’ l-ittra mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali fejn gie accettat illi l-Kunsill Lokali Msida jimpjega ir-raba’ skrivana fuq skala 15. Is-Segretarju spjega il-process biex jigi impjegat skrivan/a gdid.

1030. (b) Il-Kunsill Lokali qabel li l-Bord tal-Evalwazjoni ikun kompost mis-Sindku, M Baldacchino u C Selvaggi.

1030. (c) Il-Kunsill Lokali qabel ukoll illi sakemm isir il-process tal-ghazla, s-Sin. Marisa Xerri Demanuele tinghata estenzjoni ta’ tlett xhur, sabiex il-hidma tal-Kunsill ma tkunx affetwata.

1031. M Agius qal li kien bghat e-mail lill-Kunsill dwar il-kampanja edukattiva fuq ir-riciklagg. Il-Kunsill qabel li jitqassmu il-boroz u fuljetti edukattivi, bieb bieb, dwar is-suggett. Il-Kunsill qabel ukoll illi din il-kampanja tibda malajr kemm jista jkun, biex b’hekk, jekk sa gimghatejn qabel ma tibda s-sistema gdida jkun hemm min ghadu ma gabarx il-boroz mid-dar tieghu, dan ikun jista jigborhom mill-ufficju tal-Kunsill permezz ta’ *voucher*. Il-Kunsill qabel ukoll, li jekk ikun possibli, waqt il-perijodu tal-kampanja, isiru 3 *stands* quddiem il-Knisja Paarrokjali, quddiem il-Kappella tal-Frangiskani, u ohra fis-Swatar.

1032. 0434 □ Is-Segretarju spjega li din hija ittra mibghuta mid-Dipartiment, fejn qed jinfurmaw lill-Kunsill Lokali Msida illi huwa ghandu debitu mal-*Cleansing Services Department* fuq kontijiet tad-dawl u ilma relatati mal-latrina publika. Il-Kunsill qabel li kontijiet tad-dawl u ilma jintbghatu mill-ARMS Ltd. u la darba il-Kunsill qatt ma rcieva dawn il-kontijiet mill-Awtorita kompetenti □ u li hija l-*Cleansing Services Department* li ghanda id-dettalji tal-kontijiet – mela jidher car illi dawn il-kontijiet kienu hargu fuq dan id-Dipartiment, u li ghandaqstant dan il-hlas ma ghandux isir mill-Kunsill Lokali.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1033 □ Dott. Grima saqsa ghal tgharif dwar korrispondenza 0284. Is-Segretarju wiegeb.
1034 □ M Agius saqsa ghal tgharif dwar korrispondenza 0289. Is-Segretarju wiegeb.

1035 - Il-Kunsill tkellem dwar koordinament ahjar biex isiru il-laqghat mal-Ispettur tal-Pulizija. C Selvaggi propona li dawn isiru wara 18.00, biex il-Kunsilliera ikunu jistghu jattendu. Il-Kunsill qabel li jistaqsi lill-Ispettur jekk ikunx jista jiltaqa' dak il-hin.

Punt 4 Minuti mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

1036. Ic-*Chairperson* qalet illi l-Perit tal-Kunsill ghadu ma ltaqax maghhom dwar t-tender ghal progett illi huma ghandhom fuq il-*playingfield* tas-Swatar.

1037. Hija qalet ukoll illi l-Kumitat ser jorganizza diskussjonijiet mal-ghaqdiet tal-Msida u Swatar fi zmien ir-Randan. Ghaldaqstant, hija talbet lill-Kunsill ghad-dettalji tal-ghaqdietsocjali fl-Imsida.

1038. Hija infurmat lill-Kunsill ukoll illi l-kampanja educativa tal-*First Aid* ser tibda fil-jiem li gejjin.

Punt 5 Ristawr tal-kanun li jinsab fil-gnien tal-Klabb tal-Bocci

1039. E Brincat spjega li r-restawr ta' dan il-kanun ser ikun jiswa vicin il-€5000.

1040. Il-Kunsill, fi qbil illi dan il-kanun ma jifformax parti integrali mill-*embellishment* tal-gnien ta' hdejn il-Klabb tal-Bocci, qabel illi dan il-kanun jigi offrut lill Heritage Malta jew Din l-Art Helwa, biex b'hekk ukoll ikun jista jinstab post aktar adekwat ghalih.

Punt 6 *Traffic Management* fi Triq San Lwigi

1041. E Brincat ressaq proposta ta' bdil fit-*traffic management* fi Triq San Lwigi u Triq l-Iskola, sabiex is-sistema tigi kif kienet qabel is-sena 2009. Il-Kunsill qabel mal-kambjamenti proposti b'mod unanimu.

Punt 7 Approvazjoni tal-pagamenti tal-kontijiet

1042. Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet ghall-approvazjoni.

1043. Il-Kunsill qabel li il-kont tal-Perrit Valerio Schembri dwar xoghlijiet tieghu fuq l-gnien tal-Klabb tal-Bocci jigi verifikat qabel isir il-hlas.

UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

1044. Is-Sindku ressaq il-lista ghall-approvazjoni. Dott. Grima issekonda. Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti, u din giet iffirmata mis-Sindku, Dott. Grima u s-Segretarju Ezekuttiv.

1045. E Brincat hareg mill-laqgha. Hin: 19.30.

Punt 9 Affarijiet ohra jekk Urgenti

1046. C Selvaggi qal li ghandhom isiru xi *bins* ghal hmieg tal-kliem fi Triq l-Universita.

1047. C Selvaggi tkellem dwar e-mail li intbghatet mis-Segretarju fejn s-Sindku, flimkien ma Dott. Grima, kienu iddecidew biex isir proponiment lill-MEPA biex jigi accettat li garaxx fi Triq il-Bacir jinqeleb ghal *showroom*. C Selvaggi qal lid in il-materja kien hemm qbil li terga tersaq quddiem il-Kunsill. Dott. Grima u s-Sindku qalu illi l-persuna kien ilu li talab *go ahead* mill-Kunsill, u li aktar dewmien kien ser ifisser li l-persuna kellha terga taplika mill-bidu mal-MEPA.

1048. Dott. Grima qal li l-Kumitat tas-Sajjieda u Dilettanti tad-Dghajjes fl-Imsida, talab lill-Kunsill il-permess biex juza kaxxa illi l-Kunsill ghandu mal-iskall biex jghamlu meter tad-dawl taghhom gewwa fiha. Il-Kunsill qabel.

1049. M Agius qal illi huwa qed imexxi wahdu fuq l-materji kollha pendenti mal-Enemalta. Huwa qal ukoll illi l-Kumitat tas-Sajjied u DIlettanti tad-Dghajjes talbuh biex isir uzu mis-Sala tal-Kunsill biex jghamlu xi lezzjonijiet lis-sajjieda fil-jiem li gejjin. Il-Kunsill qabel.

1050. E Abela prezenta ritratti li fihom juru sgombru fuq bankina fi Triq tal-Qroqq, peress li turgien ta' djar privati gew mibnija fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel li jiverifika jekk dawn il-postijiet inbnewx skond il-livelli ufficjali.

1051. M Baldacchino qalet illi is-Sotto-Kumitat ghall-Edukazjoni ser jghamel zewg hargiet fi zmien il-Gimgha Kbira. Qalet ukoll illi grupp ta' zaghzagh talbu sabiex jghamlu uzu min karma fic-Centru Civiku sabiex ikunu jistghu jahdmu flimkien fuq xi progett tal-iskola. Il-Kunsll qabel.

1052. M Baldacchino qalet illi ufficjali mid-Dipartiment ghall-Anzjani ghamlu spezzjoni fil-Marina Home, u huma ma humiex tal-parir li ic-Centru tal-Anzjani isir hemm. Huma jixtiequ li dan isir fic-Centru Civiku. B'hekk id-Dipartiment ikun jista joffri l-haddiema tieghu biex jitmexxa dan ic-Centru. Il-Kunsill qabel.

Punt 10 Aggornament

1053. Il-laqgha ntemmet. Hin: 20.18

1054. Il-Kunsill qabel li jaggorna ghal nhar id-19 ta' April fil-17.30.



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com

Approvati Ilum ______________________________

Dott. Clifton Grima
Sindku

Matthew Dimech
Segretarju Ezekuttiv



UNREGISTERED VERSION
REGISTERED VERSION ADDS NO WATERMARK
www.print-driver.com